**29 ta' April, 1987**

**Imħallfin: -**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

William Warrington għan-nom u in rappresentanza tal-*Mid-Med Bank Limited* u b'nota tal-11 ta' Marzu, 1985, l-Avukat Dottor Henry *sive* Eric Mamo assuma l-atti tal-kawża

*versus*

Joseph Muscat Doublesin u Antoinette Zammit

**Self – Titolu Esekuttiv – Skrittura Privata**

*L-attur aġixxa sabiex jirkupra kreditu. L-ewwel Qorti ċaħdet it-talba attriċi għaliex it-talba kif kienet ifformulata kienet ibbażata fuq skrittura li kienet fil-fatt applikazzjoni biex jissellfu l-konvenuti, mentri fil-fatt kien hemm att pubbliku li jirregola r-relazzjonijiet tas-self.*

*Fil-mori ta' l-Appell il-konvenuti ħallsu l-ammont pretiż u s-sentenza ngħatat fuq il-mertu ta' l-ispejjeż. Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti fis-sens illi l-ispejjeż kienu a kariku ta' l-atturi.*

Il-Qorti: -

Rat l-att taċ-ċitazzjoni pprezentata fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li biha l-attur *nomine,* wara li ppremetta li bi skrittura privata tat-28 ta' Awissu, 1980 huwa silef lil Joseph Muscat

Doublesin u Antoinette Zammit (li f'dik id-data kienet għadha xebba u kunjomha kien Falzon) somma ta' flus bl-imgħax bit-tmienja fil-mija taħt l-iskema *"Devloan"*, li huwa jinsab kreditur tal-konvenuti fis-somma ta' elf mitejn u tmienja u għoxrin lira Maltija erbgħa u tletin ċenteżmu u tmien millezmi (Lm1,228.34,8) salvi l-imgħaxijiet ulterjuri mit-22 ta' Settembru, 1983 sad-data tal-pagament effettiv u li l-konvenuti interpellati biex iħallsu dan l-ammont baqgħu inadempjenti, talab lil dik il-Qorti tikkundanna lill-istess konvenuti *in solidum* (1) li jħallsuh is-somma ta' Lm1,228.34,8 flus mislufa lill-konvenuti taħt l-iskema *"Devloan"* u (2) bl-imgħax ikkalkolat bit-tmienja fil-mija mit-22 ta' Settembru, 1983, sad-data tal-pagament effettiv, – bl-ispejjeż kollha inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-18 ta' Ottubru, 1983;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċepew illi m'għandhomx jagħtu l-ammont mitlub fl-att taċ-ċitazzjoni kemm għaliex l-iskrittura tat-28 ta' Awissu, 1980 m'għadhiex legalment operattiva kif ukoll għaliex l-uniku debitu li għandhom versu l-attur *nomine* huwa dak ikkontrattat b'kuntratt pubbliku tal-31 ta' Lulju, 1982 in atti Nutar John Micallef Trigona, liema debitu jitħallas puntwalment, u illi għalhekk it-talba attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur *nomine;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fis-6 ta' Settembru, 1985, li biha dik il-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni ssollevata mill-konvenuti u ddikjarat illi l-azzjoni attriċi bil-mod kif intavolata m'hix sostenibbli, salv kull dritt li jista' jkollu l-attur *nomine* skond il-liġi, u għalhekk ċaħdet it-talba attriċi bl-ispejjeż wara li kkunsidrat illi:

Minn eżami kemm taċ-ċitazzjoni kif ukoll tan-nota ta' l-

eċċezzjonijiet jidher li l-kwistjoni eżistenti bejn il-partijiet tikkonsisti fil-fatt li waqt li l-attur *nomine* qiegħed jikkonsidra l-iskrittura Dok. A esebita fil-proċess bħala l-istrument li permezz tiegħu huwa silef il-flus mitluba lilu mill-konvenuti, lill-istess konvenuti – il-konvenuti jsostnu li s-self *"de quo"* kien ġie konċess lilhom mill-bank in forza tal-kuntratt esebit minnhom (fol. 25) tal-31 ta' Lulju, 1982, ippubblikat min-Nutar Dr. John Micallef Trigona;

In effett jekk wieħed jeżamina l-iskrittura Dok. A tat-28 ta' Awissu, 1980, isib li din għandha bħala Titolu fuq nett "*Proposal for Finance*". Mid-diċitura fl-istess skrittura jidher li din hija intiża biex isservi bħala applikazzjoni għal self ta' flus mill-bank minn xi ħadd u li l-bank jirrikjedi qabel ma jeffettwa dan is-self, informazzjoni dettaljata dwar il-qagħda finanzjarja ta' l-applikant u jirriserva d-dritt li jeżamina din l-istess qagħda qabel ma jiddeċidi jilqax jew le t-talba ta' l-applikant;

Fil-fatt fl-applikazzjoni nsibu li t-talba tal-konvenuti kienet għal Lm3000. Isfel fl-istess skrittura qabel iffirmaw il-konvenuti u E. Portelli l-*Bank Manager* insibu dan li ġej:

*"I confirm that I am a Maltese National and a Resident of the Republic of Malta for Exchange Control purposes; I also confirm that the Bank may make any* ***enquiries necessary to enable it to consider this application";***

Taħt dawn il-kliem hemm imnizzel: "*Witness..... Signature*", u mal-lemin isfel hemm "*Signature of applicant*". Fil-fatt hemm ukoll il-firem kemm tal-*Bank Manager* bħala *witness* kif ukoll dik ta' l-applikanti. Mid-diċitura ta' l-istess skrittura għalhekk joħroġ ċar li l-veru skop ta' l-iskrittura huwa

biex isservi ta' applikazzjoni lill-Bank għal self ta' flus li wara riedet tkun ikkunsidrata mill-istess Bank. Minn imkien ma joħroġ minn din l-iskrittura li dak in-nhar il-Bank kien qiegħed jislef Lm3000 kif mitluba mill-konvenuti lill-istess. Wieħed kien jistenna li wara li saret din l-iskrittura l-Bank kwante volte jaċċettaha, jikteb lill-istess applikanti fejn l-ewwelnett jinfurmahom li huwa kien aċċetta l-applikazzjoni tagħhom u wara jistidinhom biex jattivaw dak li kienu talbu u hu kien lest jagħtihom permezz ta' xi att ieħor. Id-Dok. B jikkonsisti f'lista ta' konsiderazzjonijiet li l-konvenuti kienu lesti jaċċettaw kwante volte l-Bank jaċċetta l-applikazzjoni tagħhom;

Il-kuntratt tal-31 ta' Lulju, 1982, ma hemm ebda dubju ta' xejn huwa kuntratt ta' self. Skond l-istess kuntratt:

*"Whereas the clients have requested the Bank to grant them on loan the sum of Lm2500 for the purpose of meeting their personal commitments....."*;

u *and whereas the Bank has acceded to the request of the clients;* hawn il-kuntratt ċertament qiegħed jirreferixxi għall-applikazzjoni li kienu għamlu l-konvenuti fit-28 ta' Awissu, 1980. Wara dawn il-permessi hemm imnizzel:

*"Now therefore by virtue of this deed the Bank declares to accede and hereby accedes to grant on loan to the clients the sum of Lm2500"*;

F'dan il-kuntratt hemm ukoll imnizzlin il-kondizzjonijiet kollha għall-ħlas ta' l-istess debitu;

Minn dan kollu jirriżulta li l-att li jirregola l-posizzjoni tal-

partijeit dwar id-debitu in kwistjoni huwa bla dubju ta' xejn il-kuntratt li kopja tiegħu ġiet esebita mill-konvenuti. Għalhekk jidher li l-eċċezzjoni ssollevata mill-konvenuti għandha tiġi milqugħa. Kwindi għalhekk l-azzjoni attriċi kif proposta a bażi ta' l-iskrittura fuq imsemmija m'hix sostenibbli;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur *nomine* ppreżentata fis-16 ta' Settembru, 1985;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-attur *nomine* ppreżentata fit-30 ta' Settembru, 1985, li biha għar-raġunijiet hemm esposti talab li din il-Qorti tirrevoka l-preċitata sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tas-6 ta' Settembru, 1985, fil-kawża fl-ismijiet premessi u b'hekk tilqa' t-talbiet ta' l-attur *nomine* bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' l-attur appellant *nomine* ppreżentata fis-seduta ta' l-1 ta' April, 1987 li biha ċeda l-mertu *stante* pagament waqt il-mori tal-kawża u żamm ferm il-kap ta' l-ispejjeż;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ikkunsidrat:

L-attur appellant *nomine* qiegħed jippretendi li l-konvenuti għandhom ibatu l-ispejjeż tal-kawża. Biex tiddeċidi din il-kwistjoni l-Qorti ta' bilfors għandha tidħol biex teżamina l-mertu tal-kawża, billi l-konvenuti appellati għandhom jew m'għandhomx ibatu spejjeż skond jekk kellhomx raġun fil-mertu tal-kawża;

L-ewwel Qorti ġiet għall-konklużjoni li t-talba ta' l-attur

appellant *nomine*, kif ikkonċepita, ma kinitx sostenibbli u l-Qorti, wara li eżaminat il-provi, taqbel ma' din il-konklużjoni;

Infatti minn eżami taċ-ċitazzjoni u tad-dikjarazzjoni ta' l-attur *nomine* li akkompanjatha jidher ċar li l-attur appellant *nomine* ppretenda li hu kreditur tal-konvenuti appellati u talab il-kundanna tagħhom a bażi ta' l-iskrittura privata hemm imsemmija. L-attur appellant *nomine* ma ppretendiex li hu għandu jieħu mingħand il-konvenuti appellati *in vista* ta' self iżda *in vista* ta' self magħmul lilhom bl-iskrittura privata tat-28 ta' Awissu, 1980. Il-mertu tal-kawża kien jirrigwarda l-punt jekk il-konvenuti appellati kinux debituri ta' l-attur appellant *nomine* a bażi ta' l-imsemmija skrittura privata. Jekk huma kienu debituri tiegħu a bażi ta' xi dokument ieħor, dak ma kienx jifforma l-mertu tal-kawża preżenti;

Huwa evidenti minn eżami ta' l-imsemmija skrittura tat-28 ta' Awissu, 1980 (Dok. A) li din tikkonsisti f'applikazzjoni għal self magħmula lill-attur appellant *nomine* mill-konvenuti appellati. Id-dokument hu intitolat: *"Proposal for Finance"*; hemm riferenza ripetuta għal "loan **required**"; il-konvenuti appellati ffirmaw id-dokument bħala *"applicant"*; ir-rappresentant tal-bank deher fuq l-istess dokument bħala *"witness"* u fl-ebda parti ta' l-imsemmija skrittura ma jingħad li qed jingħata s-self. Id-Dokument B (fol. 6) intitolat *"Loan and Interest Rate Agreement Form"* hija wkoll formula indirizzata lill-Bank mimlija mill-konvenuti appellati *"being desirous of obtaining a loan from you"*, li, fil-fehma tal-Qorti, għandha tiftiehem fis-sens li fiha huma qegħdin jiddikjaraw li jkunu lesti li jaċċettaw ċerti kondizzjonijiet jekk isir is-self, fosthom ukoll il-klawsola (1) imsemmija fil-petizzjoni ta' l-appell;

Jista' jiżdied li mhux il-każ ta' liberatorja mill-ġudizzju, kif qiegħed jissottometti *in subordine* l-attur appellant *nomine*, billi l-azzjoni għar-restituzzjoni tas-self, kif il-Qorti qiegħda tirritjeni, kienet ibbażata fuq l-imsemmija skrittura tat-28 ta' Awissu, 1980, u għar-raġunijiet fuq imsemmija l-ebda somma ma kellha tiġi restitwita a bażi ta' dik l-iskrittura. L-ewwel Qorti għalhekk kienet ġustifikata li tiddikjara l-azzjoni attriċi bil-mod kif intavolata m'hix sostenibbli, salv kull dritt li jista' jkollu l-attur *nomine* skond il-liġi, u għalhekk tiċħad it-talba magħmula a bażi ta' l-imsemmija skrittura;

*In vista* tal-konklużjoni fuq raġġunta l-Qorti hi tal-fehma li l-ispejjeż għandhom jiġu sopportati mill-attur appellant *nomine;*

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-mertu *stante* rinunzja, tiddeċidi li l-ispejjeż tal-kawża, sija ta' l-ewwel kif ukoll ta' din l-istanza, għandhom jiġu ssopportati mill-attur appellant *nomine*.